# LILL-IMĦARA

Tabiħaqq ngħir għalik, ja ċkejkna mħara:
Għax int, mal-blat imqabbda, ġo l-għerien,
Tħalli l-baħar qalil ma' l-art jissara
Jobrom u jħebb, daqs kieku xejn ma kien.

Bnazzi jew le, għalik il-ħajja xmara
Lixxa bħaż-żejt: mill-bidu tal-ħolqien,
Min jaf kemm drabi l-baħar safa' xagħra
U int bqajt fejn kont, rebbieħa fuq iż-żmien.

Iżda mhux inti biss, mal-blat sewdieni
Toħlom fis-skiet, fil-waqt li, bajdanija,
Il-mewġa tfawwar. Jiena bħalek, hieni,

Naħrab tal-ħajja l-hemm u l-ġeġwiġija
Meta bħall-mewġ jiżżiemel il-ġejjieni:
Qalbi l-għerien, qoxorti l-poeżija.

Kemmuna, 7—VIII—46. GEORGE ZAMMIT.